MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 500/2006

**PUBLIC BROADCASTING SERVICES LTD.**

**vs**

**ACCENT CLEAR TRADERS CO. LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-31 ta’ Mejju, 2006, bil-proċedura sommarja speċjali li bih is-soċjeta’ rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u li tgħaddi biex tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallasha s-somma ta’ erbgħin elf mitejn u tnax-il lira Maltin u sitta u tmenin ċenteżmi (Lm40,212.86) rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ servizzi ta’ reklamar fuq il-mezzi ta’ xandir minnha ordnati;

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata s-soċjeta’ intimata li naqset tidher biex tikkontesta l-kawża meta ssejħet;

Rat id-degriet tagħha tal-lum stess, għall-finijiet tat-tieni proviso tal-art. 187 (1) tal-Kap. 12;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti fir-Rikors u;

(a) taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ; u

(b) tikkundanna lill-kumpannija intimata biex tħallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' Lm40,212.86, rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' reklamar fuq il-mezzi tax-xandir lilha mogħtija fuq talba tagħha mill-istess kumpannija rikorrenti;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mit-12 ta' Diċembru, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------